MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 591/2009

**AIC Robert Grech**
**(I.D. 26876G)**

**vs**

**Alan Jones Briffa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' tlett elef, erba' mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmi (€3,465.87), rapprezentanti drittijiet professjonali u spejjez rigwardanti servizzi rezi lill-intimat fuq inkarigu tieghu skont l-annessa fattura mmarkata Dok A.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura u cioe' 9 ta' Marzu, 2009 u bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment, lkoll kontra l-intimat li gie ngunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett elef, erba’ mija u hamsa u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmi (€3,465.87), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------